MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 40/2002/1

**Emanuel u Angela konjugi Demanuele**

**vs**

**Fast Food Services Limited**

**Il-Qorti,**

Permezz tar-rikors odjern is-socjeta' intimata qed titlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tad-decizjoni ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Settembru 2002 u dan fit-terminu ta' l-Art. 823 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Biex tissodisfa l-vot tal-ligi, skond subinciz (2) ta' dan l-artikolu r-rikorrenti jehtieglu:-

i. jipprovdi garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza;

ii. juri ghas-sodisfazzjoni tal-qorti ili l-ezekuzzjoni tas-sentenza x'aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lilu milli t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni jikkaguna lill-kontro-parti.

Kwantu ghall-ewwel rekwizit jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti ipprovdiet garanzija idonea bid-depozitu fil-Qorti tas-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200).

Kwantu ghat-tieni element din il-Qorti gja kellha okkazjoni tikkummenta b'abbracc tal-hsieb zvolt fid-decizjoni "**George Pavia –vs- Joseph Micallef**", Appell Civili, 4 ta' Mejju 1992, illi "*jekk ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni l-ezekuzzjoni ta' issa tas-sentenza gja ottenuta timplika zewg zgumbramenti, f'kaz ta' ezitu favorevoli tar-ritrattazzjoni. Din il-possibilita' ghandha tigi evitata*." – "Michael Cutajar –vs- Roberta Muscat", Appell, 16 ta' Dicembru 2002 u "Palmar Limited –vs- Victor Ciantar", Appell, 10 ta' Jannar 2003.

Naturalment dik is-sentenza ma tieqafx hemm, u fil-fatt tissokta tippuntwalizza "*dan dejjem sakemm il-pregudizzju tal-intimata bin-nuqqas ta' tehid immedjat ta' hwejjigha ma jkunx tant gravi li anke diffikolta' simili trid tigi skarata*".

Ezaminata r-risposta tal-intimati din il-Qorti ma tistax tirravviza pregudizzju tant qawwi u insormontabbli li jista' jgieghel lill-Qorti li tiddipartixxi mill-"praxis" li takkolji t-talba ghas-sospensjoni fejn il-materja involuta tkun wahda ta' zgumbrament. Fil-verita' kull ma jadducu l-intimati in raguni ghall-opposizzjoni taghhom hu l-fatt illi l-proceduri ilhom pendenti u ma ghandhomx jithallew jistennew izjed biex jiehdu d-drittijiet taghhom.

'Prima facie' ghallanqas, din ir-raguni mhiex bizzejjed wehidha biex tinnewtralizza t-talba dedotta, ghalkemm s'intendi u naturalment hu dejjem desiderabbli li l-kawzi jkollhom bidu u tmiem xi darba u fi zmien ragjonevoli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u qed tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza taghha tat-30 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet

premessi u dan sakemm tigi deciza l-kawza tar-ritrattazzjoni.

---------------------------------TMIEM---------------------------------